

Brussell, 30 ta' Novembru 2017
(OR. en)

15223/17

COMPET 840
IND 351
MI 903

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14450/17	COMPET 778 IND 318 MI 846
Suġġett:	Strateġija industrijali tal-UE għall-futur - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE" (adottati fit-30/11/2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE" kif adottati mill-Kunsill fit-3580 laqgħa tiegħu li saret fit-30 ta' Novembru 2017.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR**"STRATEĠIJA MĠEDDA GĦALL-POLITIKA INDUSTRIJALI TAL-UE"**

IL-KUNSILL TAL UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2017 li enfasizzaw ir-rwol essenzjali tal-industrija bħala mutur ewlieni għat-tkabbir, l-impjiegi u l-innovazzjoni fl-Ewropa u appella għal azzjoni konkreta biex tiġi żgurata bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva tas-Suq Uniku, u li enfasizzaw li l-UE ser issegwi politika kummerċjali robusta li tħaddan sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, bi rwol ċentrali għad-WTO, u li hi konvinta li l-kummerċ u l-investment jistgħu biss ikunu ħielsa jekk ikunu wkoll ġusti u ta' benefiċċju reċiproku¹;
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2017 li ddikjaraw li d-diġitalizzazzjoni toffri opportunitajiet enormi għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi u ser tikkontribwixxi għall-kompetittività globali tagħna, enfasizzaw il-ħtieġa li l-UE tappoġġa forom ġodda ta' intraprenditorija u tħeġġeġ u tassisti t-trasformazzjoni diġitali ta' industriji u servizzi, u f'dan il-kuntest appella lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-inizjattivi meħtieġa biex jissaħħu l-kondizzjonijiet qafas bil-għan li l-UE tkun tista' tesplora swieq ġodda permezz ta' innovazzjonijiet radikali bbażati fuq ir-riskju u tafferma mill-ġdid ir-rwol ewlieni tal-industrija tagħha²;
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2017 dwar strateġija futura għall-politika industrijali tal-UE³ li jappellaw lill-Kummissjoni biex tipprovdi strateġija industrija olistika futura għall-politika industrijali tal-UE fil-ħin għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa 2018 kif ukoll valutazzjoni tal-impatt tal-integrazzjoni tal-politika industrijali fl-inizjattivi strateġiċi tal-UE li ttieħdu sa mill-bidu tal-2015,

¹ Dok. EUCO 8/17, paragrafi 15-17.

² Dok. EUCO 14/17, paragrafi 10-11.

³ Dok. 9760/17.

1. JILQA' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli - Strateġija mgħedda għall-politika industrijali tal-UE"⁴ ippreżentata fit-13 ta' Settembru 2017 flimkien ma' lista ta' azzjonijiet ewlenin favur industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli⁵;
2. IQIS li l-komunikazzjoni hija sinjal importanti u l-ewwel pass utli lejn l-iżvilupp ta' strateġija industrijali tal-UE orjentata lejn il-futur, li tipprovdi inventarju komprensiv ta' dawk l-inizjattivi li diġà ttehdju jew li qed jitħejjew bħalissa mill-Kummissjoni Ewropea;
3. JAGĦRAF li ħafna mill-inizjattivi elenkati, jekk jiġu mfassla u implimentati kif suppost u fil-waqt mill-atturi kollha involuti, għandu jkollhom effett pożittiv fuq l-approfondiment tas-Suq Uniku u fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija Ewropea;
4. JISĦAQ fuq l-importanza ta' katini ta' valur li jiffunzjonaw tajjeb, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak globali; JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa għal azzjoni konkreta fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali biex l-industrija Ewropea, u b'mod partikolari l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, tkun tista' tindirizza l-isfidi attwali u futuri u timmassimizza l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp, l-adozzjoni tal-innovazzjoni u t-trasformazzjoni għal teknoloġiji siguri u sostenibbli u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-industrija tkun mġhamra bil-ħiliet tajbin; IQIS li, meta jkun meħtieġ, għandhom jittieħdu inizjattivi settorjali għas-setturi li qed jiffaċċaw bidla ekonomika u s-setturi b'potenzjal kbir ta' tkabbir; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta kif il-programmi u l-istrumenti fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-aspetti msemmija qabel; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' ambjent regolatorju ċar u prevedibbli, favorevoli għall-investment u l-innovazzjoni;

⁴ Dok. 12202/17.

⁵ Dok. 12202/17 ADD 1.

5. F'dan il-kuntest, ITENNI l-appell tal-Kunsill lill-Kummissjoni biex tibni fuq il-komunikazzjoni sabiex:
- a) tkompli tiżviluppa strateġija industrijali komprensiva tal-UE, b'enfasi fuq l-2030 u lil hinn, li tinkludi objettivi strateġiċi fuq perijodu medju sa twil u indikaturi għall-industrija u li għandha tiġi akkumpanjata minn pjan ta' azzjoni b'miżuri konkreti,
 - b) tipprovdi valutazzjoni tal-impatt tal-integrazzjoni tal-politika industrijali fl-inizjattivi strateġiċi tal-UE li ttieħdu sa mill-bidu tal-2015 u, abbażi ta' dan, tipproponi kif l-integrazzjoni tal-kompetittività industrijali tista' ssir aktar effettiva;
6. Minħabba l-importanza tal-politika industrijali u n-natura trasversali tagħha, JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat proċess miftuħ, trasparenti u inklużiv fl-iżvilupp tal-politika industrijali futura tal-UE; f'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-ħtieġa għal approċċ ta' governanza fuq diversi livelli bbażat fuq sħubija u djalogu mal-Istati Membri, ir-reġjuni, u l-partijiet ikkonċernati, inkluż bil-ħsieb tat-twaqqif propost ta' Roundtable Industrijali ta' Livell Għoli;
7. JISSOTTOLINJA r-rwol strateġiku tal-Kunsill Kompetittività fl-integrazzjoni tal-kompetittività industrijali, u fl-għoti ta' gwida politika u momentum lil dan il-proċess, u għalhekk JENFASIZZA l-impenn tal-Istati Membri li jkunu involuti b'mod attiv fl-iżvilupp ta' strateġija fit-tul sostanzjali u li jikkomplementaw l-istrateġija tal-UE mal-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri;
8. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkunsidra mekkaniżmu konkret biex tissorvelja b'mod effettiv l-implimentazzjoni tal-istrateġija, u f'dan il-kuntest JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta b'mod regolari rapporti ta' progress lill-Kunsill Kompetittività bil-ħsieb tal-laqgħat tar-rebbiegħa tal-Kunsill Ewropew, li jibda fl-2018, u tadatta l-istrateġija, jekk meħtieġ, bħala rispons għall-kondizzjonijiet dejjem jevolvu li taffaċċa l-industrija.
-